# Diskors mill-Onorevoli Anġlu Farrugia

## Speaker tal-Kamra tad-Deputati

## Parlament ta' Malta

## fl-okkażjoni

## tal-kommemorazzjoni tas-SETTE GIUGNO

**Il-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2013**

Prim Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni, Presidenti Emeriti, *Speakers* Emeriti, Onorevoli Membri, Onorevoli Membri Anzjani, Eċċellenzi, Mistiedna Distinti.

Il-jum tas-Sette Giugno huwa jum speċjali għall-Maltin u l-Għawdxin kollha, li baqa' mnaqqax fil-memorja ta' pajjiżna għaliex ifakkar meta l-poplu Malti u Għawdxi fl-1919 wera kif b'vuċi waħda, f'għaqda nazzjonali, iġġieled għad-drittijiet tiegħu bħala Nazzjon Malti. Kien interessanti, pereżempju, li wara li fis-7 ta' Ġunju 1919 ħutna Maltin tilfu ħajjithom bil-munizzjon tal-barrani, fl-ewwel opportunità li kellu Nerico Mizzi fis-seduta parlamentari 680 tal-1922, staqsa hekk lill-kap tal-Ministri:

> *"Nella prossima seduta dell' Assemblea Legislativa gli domandera` se e` vero che l'Autorita` Militare ha preso delle misure precauzionali in occasione del terzo anniversario del 7 Giugno 1919, occupando, sia pure in parte, certi edifici pubblici (come il terrazzo del Palazzo di Giustizia), e in caso affermativo, a richiesta di chi e in virtu' di quali poteri l'Autorita`Militare ha cio` fatto."*.

Dan jindika ċar illi snin wara li l-poplu Malti u Għawdxi ngħata l-Kostituzzjoni Amery-Milner tal-1921 u bdiet tiltaqa' l-Assemblea Parlamentari, il-vuċi tal-poplu xorta kienet baqgħet taħt suspett għall-fatt li l-militar Ingliż okkupa saħansitra l-bejt tal-qorti fl-eventwalità ta' rvell ieħor. U kellu jkun l-istess Nerico Mizzi li għall-ewwel darba sostna li għandha ssir il-kommemorazzjoni tal-vittmi tas-Sette Giugno bħalma qed nagħmlu hawn

illum. Din il-proposta ressaqha fis-seduta parlamentari tas-Sette Giugno tal-1923, meta qal hekk:

> *"Propongo percio` che l'Assemblea sospenda per un quarto d'ora in segno di lutto, la seduta; e colgo questa opportunità per informare gli onor. colleghi, nella mia qualita` di Segretario del Comitato Nazionale "Pro Caduti del 7 & 8 giugno 1919", che un solenne funerale sarà celebrato posdimani nella Concattedrale di San Giovanni in suffragio dei nostri fratelli caduti in quelle tragiche giornate. Spero che la mia proposta sara` favorevolmente accolta dal Governo e da tutti i membri di quest' Assemblea e che nessuno manchera` alla cerimonia propiziatoria di posdimani."*.

Dakinhar kien hemm kunsens unanimu u s-seduta parlamentari tas-Sette Giugno 1923 ġiet sospiża għal kwarta sal-erbgħa ta' wara nofsinhar. Minn dakinhar 'il quddiem il-mexxejja ta' dan il-pajjiż, kollha kemm huma, immilitaw favur il-mixja tal-poplu Malti u Għawdxi lejn rebħiet ta' għadd ta' drittijiet li wassluh għall-Indipendenza u għat tneħħija ta' kull influwenza tal-militar barrani.

It-triq kienet twila imma llum aħna poplu b'identità, poplu sovran. Imma baqgħalna aktar x'nagħmlu. Wara esperjenza ta' aktar minn disa' snin fl-Unjoni Ewropea, għadna ma lħaqniex il-livell mixtieq ta' awtonomija fil-Parlament tagħna bħal dak li jgawdu Parlamenti nazzjonali oħra fi ħdan l-istess Unjoni Ewropea.

Meta wieħed jitkellem fuq awtonomija f'dan il-kuntest ikun qed ifisser illi l-Parlament, l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna, ikollu l-kapaċità amministrattiva li jmexxi b'mod indipendenti l-ħtigijiet ta' din l-istess istituzzjoni biex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet kostituzzjonali tagħha. Fi kliem ieħor il-Parlament irid ikollu s-setgħa li mingħajr xkiel iħejji l-estimi finanzjarji tiegħu stess u jamministra r-riżorsi tiegħu b'mod ħieles u distint minn kull tip ta' influwenza tal-Eżekuttiv.

Il-Parlament ma jista qatt ikun ħieles minn kull xkiel u rbit jekk amministrattivament jibqa' jitqies bħala dipartiment tal-Gvern. L-awtorità u l-awtonomija parlamentari, għalkemm distinti, huma intrinsikament marbuta flimkien. Biex naslu għal demokrazija parlamentari ħajja hemm bżonn li ma nibżgħux nieħdu l-pass li jmiss lejn parlament awtonomu.

Mill-kitba u mid-diskors irridu ngħaddu għall-fatti. Huwa pjaċir tiegħi bħala President tal-Kamra tad-Deputati nikkonstata li llum dan il-prinċipju hu aċċettat minn kulħadd, inkluż miż-żewġ gruppi politiċi fi ħdan il-Parlament Malti. L-istess Prim Ministru Joseph Muscat kemm-il darba ddikjara li l-Gvern jemmen li jrid jara l-awtonomija parlamentari sseħħ b'mod reali. Nifhem li n-naħa tal-Oppożizzjoni hija tal-istess fehma għaliex wara kollox kienet l-amministrazzjoni preċedenti li ppubblikat il-*white paper* dwar l-awtonomija parlamentari. Għaldaqstant issa jmiss nattwaw din ir-rieda ġenerali biex naraw li dan id-dritt li llum huwa nieqes fil-Parlament Malti fl-aħħar jiġi jifforma parti minn sensiela ta' drittijiet li bħala poplu Malti akkwistajna mal-medda u l-milja taż-żmien mis-7 ta' Ġunju 1919 'l hawn. Jeħtieġ ukoll li dan il-pass iseħħ fl-iqsar żmien possibbli għaliex naħseb li kulħadd għejja jisma' fuq il-ħtieġa tal-awtonomija

tal-Parlament mill-i*Speakers* Emeriti, li minn hawn insellmilhom f'din l-okkażjoni. Hawnhekk ippermettuli nikkwota parti mill-għeluq tad-diskors tal-i*Speaker* Emeritus Michael Frendo meta dan l-aħħar indirizza lill-Forum tal-President:

> "Id-demokrazija tagħna hija demokrazija ħajja li kibret u għad baqgħalha tikber. Parlament b'saħħtu biss huwa l-prova ta' demokrazija matura. Din trid tkun il-mira tagħna lkoll.".

Pass importanti ħafna, jekk mhux l-aktar importanti, huwa d-diskussjoni wiesgħa li qed issir dwar il-bini tal-parlament il-ġdid fl-entratura tal-belt kapitali Valletta. Kien ta' pjacir kbir għalija meta l-Prim Ministru ddelega lili, bi qbil mal-Oppożizzjoni, biex immexxi proċess ta' konsultazzjoni ma' kulħadd dwar din il-binja. Jiena dan il-proċess bdejtu u fil-fatt diġà saru numru ta' laqgħat li għandhom iwasslu għal deċiżjoni għaqlija fl-interess tal-poplu Malti u Għawdxi.

L-istess raġunament japplika wkoll għad-diskussjoni dwar il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna, dwar jekk hemmx ħtieġa li din tevolvi – kif effettivament jidher li hemm - u dwar il-possibilità *o meno* tat-Tieni Repubblika. Jiena ngħid li dan ukoll huwa proċess li għandu jsir bil-parteċipazzjoni – jekk mhux bid-direzzjoni – tal-Parlament, mingħajr ma nnaqqas xejn mill-parteċipazzjoni wiesgħa tal-poplu Malti u Għawdxi kollu. Għaliex kif tista' titkellem fuq Kostituzzjoni u ma tinvolvix lill-istess Parlament li jrid jilleġiżla?! Fuq kollox pajjiżna b'hekk dejjem mexa 'l quddiem, għaliex il-poplu u aħna li nirrappreżentawh semmajna leħinna.

Dwar it-tifsir ta' demokrazija ħajja, l-awtur kostituzzjonali notevoli Sir William Ivor Jennings fil-ktieb tiegħu "Parliament" jgħid hekk:

> *"Si antiquitatem spectes, est vetustissima, si dignitatem, est honoratissima, si jurisdictionem, est capacissima."*.

Fi kliem ieħor, l-ogħla istituzzjoni trid tkun kapaċi tara u terfa' weħidha dak li hu mistenni minn demokrazija parlamentari.

Huwa fatt li mxejna. Jien se nkompli naħdem fuq dak li għamlu ta' qabli biex nelevaw dejjem, kif inhu xieraq, din l-istituzzjoni – il-Parlament.

- Wara l-pubblikazzjoni tar-*rulings*, ossia tad-deċiżjonijiet, mogħtija mis-Sedja bejn l-1921 u l-1924 mill-Professur Ray Mangion, fix-xhur li ġejjin se jiġu ppubblikati deċiżjonijiet oħra li ngħataw minn Presidenti tal-Kamra mill-1924 'l hawn. Se nkun qed nara li mill-aktar fis possibbli dawn id-deċiżjonijiet jiġu ppubblikati kollha.

- Wara l-introduzzjoni ta' *audio live streaming* tas-seduti tal-Kamra u tal-Kumitati, u wara t-tnedija ta' *video live streaming* tal-laqgħat tal-Kumitati fl-aħħar xhur tal-leġiżlatura li għaddiet, issa se nkunu qegħdin intejbu b'mod sostanzjali l-kwalità tax-xandir tal-laqgħat tal-kumitati fuq dan il-*medium* tant importanti. Barra minn hekk diġà saru l-preparazzjonijiet biex mill-bini tal-Parlament il-ġdid, jekk ikun il-każ, jibdew jiġu trażmessi wkoll id-dibattiti fl-awla plenarja tal-Parlament.

Dan huwa pass ieħor biex il-Parlament jersaq aktar lejn il-poplu.

- Hekk kif bdejt nokkupa din il-kariga kont urejt ix-xewqa tiegħi li l-Parlament ikollu r-rivista tiegħu. Għandi pjaċir inħabbar li din ix-xewqa mmaterjalizzat fil-forma ta' perjodiku li se jibda joħroġ kull erba' xhur. Ħsibna wkoll biex din il-pubblikazzjoni nagħmluha aċċessibbli *on-line* fuq is-sit tal-Parlament Malti fiż-żewġ lingwi uffiċjali, biex b'hekk ikompli jiżdied l-għarfien u l-apprezzament tal-ħidma parlamentari fost il-poplu, fost l-istess parlamentari kif ukoll fl-istituzzjonijiet parlamentari barra l-pajjiż.

- Ippubblikajna wkoll l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra kif emendati mill-1995 sal-lum. Kien unur kbir għalija li nqassam kopja ta' din il-pubblikazzjoni lil numru sabiħ ta' membri parlamentari ġodda waqt laqgħa li saret apposta għalihom biex jiġi spjegat kif taħdem il-Kamra.

- Fuq talba tal-istess membri, ippubblikajna wkoll ktejjeb ta' informazzjoni utli dwar il-Parlament Malti u dwar il-membri kollha fi ħdanu.

Kif qiegħed nitkellem dwar il-membri ġodda rrid nossottolinea l-fatt li għall-ewwel darba fl-istorja tal-Parlament, għandna għaxar membri nisa. Dan jawgura tajjeb għall-evoluzzjoni politika ta' pajjiżna.

Dawn l-inizjattivi huma kollha mmirati biex dan il-Parlament ikun f'qagħda li jaħdem aħjar, imma aktar importanti minn hekk, biex ikun jista' jersaq viċin il-poplu. Fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin, wara l-konsultazzjonijiet meħtieġa, se nkun qed invara inizjattivi oħra sabiex insaħħu l-komunikazzjoni u

l-interazzjoni bejn il-Parlament u l-poplu in ġenerali. Kif għedt fl-ewwel diskors tieghi fis-6 ta' April, wara li ħadt il-ġurament bħala *Speaker* tal-Parlament, irrid li din l-istituzzjoni tkun aktar qrib il-poplu u għalhekk nittama li bis-saħħa ta' din is-sensiela ta' inizjattivi, il-Parlament imur għand il-poplu u l-poplu jkollu l-libertà kollha li jersaq lejn il-Parlament mingħajr xkiel.

Pass pożittiv ieħor lejn Parlament aktar qrib iċ-ċittadin huwa dak diġà indikat mill-Gvern preżenti fil-programm elettorali tiegħu, li "il-MEUSAC bħala entità ... taqa' taħt il-Parlament, b'mod ukoll li jkun hemm aktar riżorsi kemm biex il-Kamra tar-Rappreżentanti tgħarbel id-direttivi u r-regolamenti Ewropej, kif ukoll biex il-*feedback* tas-soċjetà ċivili jiġi inkorpat aħjar fil-pożizzjonijiet tal-Gvern Malti.". Dan huwa pass konkret fid-direzzjoni tal-awtonomija parlamentari.

Fuq l-istess livell għandu jiġi esplorat ukoll kif għandu jikber id-djalogu bejn l-MCESD u l-Parlament.

Kif semmejt fil-laqgħa li kelli mal-parlamentari eletti għall-ewwel darba, jiena nemmen li kull meta mmexxi delegazzjoni barra minn xtutna possibilment ikolli miegħi membri ġodda minn kull naħa tal-Kamra biex dawn ukoll jieħdu esperjenza internazzjonali fuq suġġetti ta' interess għal pajjiżna. Hekk se nagħmel aktar tard dan ix-xahar meta se jkolli miegħi delegazzjoni speċjalizzata fuq suġġetti li jikkonċernaw pajjiżi żgħar u problemi ambjentali u ekonomiċi. Nemmen li dan għandu jkompli biex kulħadd ikollu opportunità li jwessa' l-esperjenza tiegħu fl-interess tad-demokrazija parlamentari ħajja.

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona lejn l-aħħar tal-2009, il-parlamenti nazzjonali ngħataw rwoli u setgħat

aktar b'saħħithom minn dawk li kellhom fi Trattati preċedenti. It-tisħiħ tar-rwol tal-parlamenti nazzjonali, flimkien mal-Parlament Ewropew, joħroġ ukoll mit-Trattat dwar Stabbiltà, Koordinazzjoni u Governanza li daħal fis-seħħ proprju fl-ewwel ta' Jannar ta' din is-sena. Artiklu 13 ta' dan it-Trattat jipprovdi għat-twaqqif ta' konferenza interparlamentari ġdida bil-għan li tiddiskuti l-linji ta' politika baġitarja u kwistjonijiet oħra koperti b'dan it-Trattat. Bi pjaċir ngħid li waqt il-Konferenza tal-i*Speakers* Ewropej li nżammet f'Ċipru f'April li għadda, li kienet l-ewwel impenn uffiċjali tiegħi barra minn Malta u fejn kont wieħed mill-erba' *keynote speakers*, iddiskutejna u qbilna dwar it-twaqqif ta' din il-Konferenza ġdida li għandha titlaqqa' għall-ewwel darba fil-Presidenza Litwana, fit-tieni nofs ta' din is-sena. Kien proprju fl-istess ġurnata li l-Parlament Malti, b'mod unanimu, waqqaf il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, li fost ix-xogħol tiegħu se jkollu l-applikazzjoni ta' dan l-istess Trattat u allura se jkun strumentali fil-kontribuzzjoni tal-Parlament Malti f'din il-Konferenza.

M'hemmx dubju li wasal iż-żmien li s-sistema parlamentari tagħna jkollha kumitat dwar l-etika jew xi struttura oħra li tistabbilixxi *standards* li jridu jiġu segwiti mill-membri parlamentari. Hawnhekk japplika wkoll dak li għedt fid-diskors tiegħi tas-6 ta' April 2013, meta tkellimt dwar ir-rwol tal-Parlament li jiskrutinja l-eżekuttiv, u nikkwota:

> "Il-poplu dan jarah bħala dritt, imma dritt li huwa kumplimentat, u għandu jkun kumplimentat, bir-rimedji li wieħed jistenna minn din l-ogħla istituzzjoni ta' dan il-pajjiż.".

Għalhekk irridu nesploraw xi jkun l-aħjar mudell biex jintlaħaq bilanċ dwar kif wieħed għandu jara li jikkomporta ruħu bħala parlamentari korrett fil-konfront ta' kull cittadin li jwassal kemm għal obbligi kif ukoll għal rimedji meħtieġa.

B'dan il-mod inkunu qed nibagħtu sinjal ċar li l-ħajja politika parlamentari hija 'l fuq minn kull kritika inġusta u b'hekk inħajru aktar nies jagħtu sehemhom għat-tisħiħ tad-demokrazija ta' pajjiżna.

Il-Parlament għandu jara li jkun hemm osservanza sħiħa tar-rimedji mogħtija mit-tribunali u l-qrati Maltin liċ-ċittadini li jkunu sofrew xi inġustizzja f'każ ta' xi nuqqas mill-Eżekuttiv. Dan huwa meħtieġ biex il-kredibbiltà tal-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż tkompli tissaħħaħ u tkun dejjem 'il fuq minn kull ombra.

F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qal riċentement fil-Parlament, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Simon Busuttil meta tkellem dwar it-twaqqif ta' kumitat dwar il-petizzjonijiet. B'din il-proposta l-Parlament ikun qiegħed jistabbilixxi proċeduri aktar wiesgħa biex talbiet imressqa mill-pubbliku mhux biss jiġu mismugħa imma wkoll trattati fl-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna.

Dan qed ngħidu ghax nemmen li din l-istituzzjoni ma tista' tistrieħ qatt.  Irridu nibqgħu naħsbu kif dejjem ħasbu ta' qabilna, li l-Parlament ta' Malta jkun verament riflessjoni tal-kuxjenza popolari ta' pajjiżna u l-aqwa espressjoni tad-demokrazija. Hemm ħafna x'nagħmlu imma nistgħu naslu ladarba lkoll nemmnu fil-kapaċitajiet tagħna bħala poplu li jħaddan prinċipji ta' solidarjetà u bħala pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea.

F’dan il-jum nazzjonali għażiż għall-poplu Malti u Għawdxi, bħala President tal-Kamra tad-Deputati, minn qalbi nsellem lil dawk kollha li matul iż-żmenijiet ġo fihom ħassew passjoni għall-politika u emmnu li jistgħu jagħtu kontribut għall-ġid ta’ pajjiżna. Bis-saħħa ta’ nies bħal dawn il-poplu dejjem wera li fil-mument ta’ prova kien kapaċi jagħraf jiddeciedi x’inhu l-aħjar għalih. Dan l-impenn politiku sinċier għandu jagħmlilna kuraġġ.

Il-memorja tal-martri tas-Sette Giugno hija riflessjoni ta’ dak li qed nagħmlu llum u li għad irridu nagħmlu biex dejjem insaħħu lil Malta tagħna, din l-omm li tatna isimha u li aħna lkoll uliedha.